

Brussell, 6 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8985/26

TELECOM 215
CYBER 210
JAI 539
AUDIO 68
JEUN 70
COMPET 534
MI 436
CONSOM 153

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 6 ta' Mejju 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2026) 4225 final

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'29.4.2026 dwar l-istabbiliment ta' qafas komuni għal Teknoloġiji għall-Verifika tal-Età madwar l-UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 4225 final.

Mehmuż: C(2026) 4225 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2026
C(2026) 4225 final

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'29.4.2026

**dwar l-istabbiliment ta' qafas komuni għal Teknoloġji għall-Verifika tal-Età madwar l-
UE**

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'29.4.2026

dwar l-istabbiliment ta' qafas komuni għal Teknoloġiji għall-Verifika tal-Età madwar l-UE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Modi siguri u li jippreżervaw il-privatezza biex tingħata prova tal-età ta' kwalunkwe persuna se jkunu dejjem aktar importanti għall-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE. Pereżempju, ix-xiri fil-ħwienet ta' prodotti ristretti skont l-età, bħall-alkoħol jew is-sigaretti, jew l-aċċess għal kontenut online ristrett skont l-età, bħal kontenut pornografiku jew relatat mal-logħob tal-azzard, ilkoll jeħtieġu xi forma ta' verifika tal-età. Dan jinkludi l-prova tal-età tal-minorenni f'ambjenti online, speċjalment peress li kulma jmur, dawn qed jużaw dejjem aktar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, bħal pjattaformi online jew logħob online. Minn naħa waħda, dan jipprovdi opportunitajiet għall-minorenni fl-oqsma tal-iżvilupp tal-identità, l-apprendiment, l-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni ċivika, l-iżvilupp tar-relazzjonijiet, il-komunikazzjoni, il-konnessjoni u l-kreattività. Min-naħa l-oħra, l-użu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jista' joħloq riskji għall-minorenni jew jagħmlilhom ħsara, pereżempju, billi jesponihom għal kontenut illegali jew ta' ħsara, bħal kontenut vjolenti, terroristiku jew pornografiku, jew għal riskji marbuta mal-kuntatt, bħall-bullying ċibernetiku jew il-kuntatt ma' individwi li jfittxu li jagħmlu grooming tal-minorenni jew jirreklutawhom għall-kriminalità organizzata. Dawn ir-riskji jinkludu wkoll l-użu eċċessiv, kompulsiv jew simili għal dipendenza tas-servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-esponiment għal prattiki ta' sfruttament oħra, bħal-logħob tal-azzard. Peress li moħħ il-minorenni jkun għadu qed jiżviluppa, huma aktar vulnerabbli għal riskji u ħsarat li jistgħu joriġinaw mill-esperjenza diretta tagħhom fis-servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni. Dawn ir-riskji jagħmluha dejjem aktar importanti li tingħata prova tal-età taċ-ċittadini biex jiġi żgurat li jkollhom esperjenza online sikura, b'rispett dovut għad-drittijiet tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, filwaqt li jiġi ssalvagwardjat ukoll il-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jiġu promossi standards konsistenti u tiġi evitata l-frammentazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE. Li l-minorenni jingħataw esperjenzi online xierqa għall-età u sikuri huwa ta' importanza kbira biex jiġu protetti f'ambjent dejjem aktar online.
- (2) Il-Kummissjoni għamlet passi kbar biex tiżgura li l-qafas regolatorju tal-UE jkun adattat għall-iskop tiegħu fix-xenarju diġitali attwali u biex tiproteġi lill-minorenni online. Ir-Regolament (UE) 2022/2065¹, li ilu japplika bis-sħiħ minn Frar 2024, introduċa regoli kompletament armonizzati biex jiġi żgurat li l-minorenni jkunu

¹ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).

protetti online. L-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 jobbliga lill-fornituri tal-pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni jistabbilixxu miżuri xierqa u proporzjonati biex jiżguraw li s-servizzi tagħhom jipprovdu livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà fir-rigward tal-minorenni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 34 u l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-fornituri ta' servizzi ddeżinjati bħala Pjattaformi Online Kbar Ħafa jew Magni tat-Tifx Online Kbar Ħafa huma meħtieġa jivvalutaw u jimmitigaw ir-riskji reali jew prevedibbli li s-servizz tagħhom jista' joħloq għall-protezzjoni tal-minorenni, għad-drittijiet tat-tfal, u għall-benesseri mentali u fiżiku tal-utent. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 44(1)(j) tar-Regolament (UE) 2022/2065 jippermetti lill-Kummissjoni tappoġġa u tippromwovi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards immirati volontarji għall-protezzjoni tal-minorenni online. Filwaqt li tali standards għadhom ma ġewx żviluppatti, dawn jistgħu jinkludu standards tekniċi għall-assigurazzjoni tal-età, inkluża l-verifika tal-età.

- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-protezzjoni tal-minorenni online, u f'konformità mal-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni adottat linji gwida li jistabbilixxu l-miżuri li fil-fehma tagħha, il-fornituri tal-pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni għandhom jieħdu biex jiżguraw tali livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni online u biex jassistu lill-fornituri tal-pjattaformi online jikkonformaw mal-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament ("il-Linji Gwida")². Dawn il-miżuri jinkludu, fost l-oħrajn, li l-fornituri jagħmlu l-kontijiet tal-minorenni jsiru aktar privati b'mod awtomatiku u li jipprevjenu kontijiet mhux magħrufa milli jikkuntattjaw lit-tfal, li jimmodifikaw is-sistemi ta' rakkomandazzjoni biex jitnaqqas ir-riskju li l-minorenni jiltaqgħu ma' kontenut illegali jew ta' ħsara, li jiddiżattivaw b'mod awtomatiku l-karatteristiċi li jikkontribwixxu għal użu eċċessiv, li jimplimentaw salvagwardji fir-rigward taċ-chatbots tal-intelliġenza artifiċjali (IA) integrati fil-pjattaformi online u li jtejbu l-għodod ta' moderazzjoni u rapportar.
- (4) Filwaqt li la r-Regolament (UE) 2022/2065 u lanqas il-Linji Gwida ma jiddefinixxu x'inhu kontenut illegali jew ta' ħsara għall-minorenni fuq il-pjattaformi online, u lanqas ma jippreskrivu rekwiżiti speċifiċi tal-età minima, il-Linji Gwida jistabbilixxu miżuri ċari li fil-fehma tal-Kummissjoni, il-fornituri tal-pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni għandhom jadottaw għal skopijiet ta' assicurazzjoni tal-età, fejn il-fornituri ta' pjattaformi ta' riskju għoli, bħall-pjattaformi pornografiċi jew tal-logħob tal-azzard, għandhom jistabbilixxu metodi ta' verifika tal-età. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-fornituri tal-pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni għandhom jistabbilixxu metodi ta' verifika tal-età meta d-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, jippreskrivi età minima għall-aċċess għal ċerti prodotti jew servizzi offruti u/jew murija bi kwalunkwe mod fuq pjattaforma online, inklużi l-kategoriji definiti speċifikament ta' servizzi tal-media soċjali online. Il-Linji Gwida jispjegaw li l-verifika tal-età għandha titqies xierqa u proporzjonata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2065 jekk tkun konformi mal-kriterji tal-akkuratezza, l-affidabbiltà, ir-robustezza, in-nonintrużività u n-nondiskriminazzjoni.
- (5) Barra minn hekk, id-Direttiva 2010/13/UE³, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808⁴, tistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-settur għall-fornituri ta' pjattaformi ta'

² COM(2025) 6826 final.

³ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviviva (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviviva); ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

video-sharing dwar kontenut awdjoviżiv ta' ħsara. Skont dik id-Direttiva, fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-pjattaformi ta' video-sharing iridu jinkludu standards tal-UE dwar il-kontenut tal-media, inklużi dawk immirati lejn il-protezzjoni tal-minorenni minn kontenut awdjoviżiv ta' ħsara. Barra minn hekk, il-fornituri ta' pjattaformi ta' video-sharing huma meħtieġa jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu lill-minorenni milli jaraw tali kontenut awdjoviżiv ta' ħsara, bħal mekkaniżmi biex kontenut ta' ħsara jiġi rrapportat jew immarkat, verifika tal-età, kontroll mill-ġenituri u sistemi ta' klassifikazzjoni tal-kontenut. L-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa u r-rieżami li jmiss tad-Direttiva 2010/13/UE se jikkunsidraw ir-rilevanza tar-regoli attwali u jidentifikaw nuqqasijiet potenzjali fil-qafas eżistenti.

- (6) Barra minn hekk, l-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/29/KE⁵, jirrikonoxxi lit-tfal bħala konsumaturi vulnerabbli li jeħtieġu protezzjoni msaħħa. Id-Direttiva 2005/29/KE tipprojbixxi prattiki kummerċjali aggressivi u qarrieqa, inkluż meta dawn jisfruttaw il-kredulità jew in-nuqqas ta' esperjenza tal-minorenni. Tipprojbixxi wkoll li l-minorenni jiġu mħeġġa jixtru prodotti reklamati jew jipperswadu lill-ġenituri jixtrulhom dawk il-prodotti. Kif enfasizzat fl-Aġenda tal-Konsumatur 2030⁶, u bi tnejn għall-proposta li jmiss għal Att dwar l-Ekwità Diġitali, il-Kummissjoni qed tivvaluta jekk hemmx bżonn aktar ħidma biex jiġu indirizzati l-lakuni li fadal fil-protezzjoni tal-konsumatur fl-ambjent diġitali, inkluż fir-rigward tal-minorenni.
- (7) Il-Kummissjoni tfakkar li hemm għadd ta' inizjattivi eżistenti u futuri għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-ġlieda kontrih skont l-Istrateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. B'mod partikolari, il-proposta għal Regolament li jstabilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-ġlieda kontrih se jstabilixxi obbligi għall-fornituri tas-servizzi online biex jipprevjenu l-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġġilduh u r-riformulazzjoni proposta tad-Direttiva 2011/93/UE se taġġorna r-regoli tal-qafas tal-liġi kriminali biex jiġi żgurat li l-forom kollha ta' abbuż sesswali tat-tfal (inklużi s-sesstorsjoni u l-grooming), anke meta jiġu ffaċilitati minn teknoloġiji ġodda, jiġu kriminalizzati b'mod effettiv. Dawn il-miżuri se jiġu kkomplementati mill-Pjan ta' Azzjoni li jmiss dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-kriminalità, imħabbar fl-Istrateġija ProtectEU⁷, li jfittex li jstabilixxi rispons koerenti u kkoordinat għall-bosta theddidiet li jiffaċċjaw il-minorenni fir-rigward tal-kriminalità.
- (8) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li hemm diversi inizjattivi eżistenti jew futuri li jawtonomizzaw u jappoġġaw lill-minorenni u jiżguraw il-benesseri tagħhom online. L-awtonomizzazzjoni u l-protezzjoni tat-tfal fl-ambjent diġitali tagħhom huma ċentrali għall-pilastru diġitali tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal⁸ u għar-

⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' reatjiet tas-suq li qed jinbidlu; ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

⁵ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali).

⁶ COM(2025) 848 final.

⁷ COM(2025)148 final.

⁸ COM(2021)142 final.

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal⁹. Il-Kummissjoni għandha wkoll involviment fit-tul ta' diversi partijiet ikkonċernati skont l-Istrateġija Ewropea l-għdida għal Internet Aħjar għat-Tfal¹⁰, permezz taċ-Ċentri kofinanzjati tal-UE għal Internet Aktar Sikur. Dawk iċ-ċentri, f'kooperazzjoni mal-pjattaforma online "Internet Aħjar għat-Tfal", jikkostitwixxu ċ-Ċentru tal-UE għas-sikurezza tat-tfal online u jimplementaw il-politiki tal-UE dwar is-sikurezza tat-tfal online fil-livell Ewropew u nazzjonali. Dan huwa kkomplementat mill-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Bullying Ċibernetiku¹¹, li jiffoka fuq il-minorenni u fuq iż-żgħażaġh vulnerabbli, u fost l-oħrajn, jistabbilixxi fehim komuni tal-UE dwar il-bullying ċibernetiku, filwaqt li jtejjeb il-litteriżmu diġitali, il-mekkaniżmi ta' rapportar, u l-appoġġ għall-vittmi. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, inkluż il-litteriżmu diġitali, jibqa' prijorità ewlenija għall-Kummissjoni, segwit permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021–2027)¹², kif ukoll il-Pjan Direzzjonali li jmiss tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Il-Kummissjoni se tniedi wkoll inkjesta madwar l-UE kollha dwar l-impatti aktar mifruxa tal-media soċjali fuq is-saħħa u l-benesseri mentali, biex tirfed dibattitu bbażat fuq l-evidenza dwar il-protezzjoni tal-minorenni online. L-użu ta' soluzzjonijiet għall-verifika tal-età għandu jkun akkumpanjat minn komunikazzjoni ċara, aċċessibbli u adatta għall-età liċ-ċittadini, b'mod partikolari l-minorenni, iż-żgħażaġh, il-ġenituri u l-edukaturi.

- (9) Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni regolarment tinvolvi ruħha ma' sħab internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-minorenni. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni operazzjonali mal-Kummissarju Awstraljan għas-Sikurezza Elettronika, kif ukoll mar-regolatur tar-Renju Unit għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, Ofcom, it-tnejn regolaturi ewlenin fil-qasam tas-sikurezza online, huma fis-seħħ u jinkludu l-involvement regolari dwar is-suġġett tal-protezzjoni tal-minorenni, inkluż dwar il-mezzi tekniċi biex l-età tiġi vverifikata b'mod effettiv.
- (10) Fil-livell tal-Istati Membri, diversi Stati Membri qed jadottaw jew qed jikkunsidraw li jadottaw miżuri nazzjonali biex inaqqsu l-aċċess tal-minorenni għal ċerti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, li jkunu jeħtieġu soluzzjonijiet għall-verifika tal-età li jippreżervaw il-privatezza.
- (11) Għal dawn ir-raġunijiet kollha, huwa essenzjali li fl-Unjoni jkun hemm disponibbli metodi ta' verifika tal-età robusti, effettivi, ċibersiguri, li jippreżervaw il-privatezza u li jikkonformaw mal-protezzjoni tad-data biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2022/2065, u, b'mod aktar speċifiku, biex jiġu protetti l-minorenni online. Il-miżuri ta' salvagwardja tekniċi huma essenzjali biex il-minorenni jiġu protetti minn effetti negattivi għall-benesseri mentali u fiżiku tagħhom, kif ukoll mill-esponiment għal kontenut illegali u ta' ħsara. Minħabba li l-minorenni jistħoqqilhom protezzjoni speċjali, huwa kruċjali li l-applikazzjoni ta' metodi ta' verifika tal-età tkun xierqa u proporzjonata u tinkorpora salvagwardji ta' sigurtà b'saħħithom u karatteristiċi li jippreżervaw il-privatezza biex jipprevjenu l-ġbir ta' data bla bżonn, l-aċċess mhux awtorizzat, jew l-użu ħażin ta' informazzjoni personali. Barra minn hekk, biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern, hija meħtieġa soluzzjoni Ewropea armonizzata. Dan mhux importanti biss għall-minorenni, iżda huwa importanti wkoll biex tiġi żgurata li kull ċittadin tal-UE jkollu aċċess għal tali teknoloġiji, iħeġġeġ l-

⁹ C(2024)2680 final.

¹⁰ COM(2022)202 final.

¹¹ COM(2026)71 final.

¹² COM(2020)624 final.

adozzjoni ta' metodi ta' verifika tal-età u jiżgura li mill-inqas metodu wieħed bħal dan ikun disponibbli fis-suq f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida. Il-Kummissjoni qed tiffaċilita l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età armonizzati, ċibersiguri, robusti, li jippreżervaw il-privatezza, u li jikkonformaw mal-protezzjoni tad-data fl-Istati Membri permezz ta' blueprint, li jikkonsisti fi speċifikazzjonijiet tekniċi li huma allinjati ma' dawk tal-Kartieri tal-Identità Diġitali tal-UE, u implimentazzjoni b'sors miftuħ bħala applikazzjoni għall-apparat mobbli li tista' tiġi personalizzata għall-kuntesti nazzjonali.

- (12) Sabiex ikunu jippreżervaw il-privatezza, il-metodi ta' verifika tal-età għandhom tal-inqas jipprevedu divulgazzjoni selettiva tal-informazzjoni lill-parti dipendenti u b'mod awtomatiku jillimitaw l-informazzjoni għal rispons veru jew falz fir-rigward tal-informazzjoni relatata mal-età mitluba mill-parti dipendenti, mingħajr ma jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar iċ-ċittadin. Barra minn hekk, għandhom jinkludu salvagwardji tekniċi biex jiproteġu liċ-ċittadini mir-riskji għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data, bħat-traċċar tal-attività online tagħhom, inkluż l-użu ta' provi li juru konozzenza żero. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li, f'konformità mal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) 2022/2065, fornitur ta' pjattaforma online għandu jipproċessa biss l-attributi relatati mal-età li huma strettament meħtieġa għall-iskop speċifiku u l-assigurazzjoni tal-età ma għandhiex tintuża biex tipprovdi mezzi addizzjonali għall-fornituri biex jidentifikaw, jillocalizzaw, ifasslu l-profil ta' persuni fiżiċi jew jittraċċawhom.
- (13) Is-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età bbażati fuq il-blueprint jippermettu liċ-ċittadini tal-UE jagħtu prova li qabżu ċerta età (pereżempju 15+ jew 18+), filwaqt li jissodisfaw l-ogħla standards ta' privatezza. Is-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età se jużaw teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u jipprevjenu t-traċċar tal-identità. Dawn iservu biss biex jikkonfermaw li utent ikun qabeż ċerta età, mingħajr ma jiżvelaw xi informazzjoni oħra dwar l-utent lill-fornitur fdat tal-provi jew lis-servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni. L-identità u l-attività online tal-utent se jkunu protetti mid-divulgazzjoni matul il-proċess kollu.
- (14) Il-blueprint huwa ppubblikat bħala sors miftuħ, biex l-Istati Membri u l-atturi tas-suq ikunu jistgħu jadottawh u jiżviluppawh aktar f'soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età personalizzati għall-ħtiġijiet tagħhom. Il-pubblikazzjoni b'sors miftuħ tal-blueprint tiżgura rieżami u skrutinju pubbliku tal-kodiċi u tikkontribwixxi għat-trasparenza u l-fiduċja. Għall-ittestjar minn tarf sa tarf u l-implimentazzjoni tal-blueprint u tas-soluzzjonijiet ibbażati fuqu, il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, mal-pjattaformi online u mal-utenti finali. Diversi Stati Membri qed jipplanaw li jirrilaxxaw funzjonalità ta' verifika tal-età bħala parti mill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tagħhom¹³. Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014¹⁴ jeħtieġ li kull Stat Membru jipprovdi mill-inqas Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali waħda fuq bażi volontarja u mingħajr ħlas lil persuni fiżiċi li jirrisjedu fi Stat Membru f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew ma' dak nazzjonali. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jipprovdu lill-utenti mezzi siguri u li jippreżervaw il-privatezza biex jidentifikaw u jawtentikaw lilhom infushom, ħalli jaħżnu u jikkondividu, taħt il-kontroll uniku tagħhom, id-data ta' identifikazzjoni personali u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-

¹³ Ir-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.

attributi ma' partijiet dipendenti pubbliċi u privati fl-Unjoni. Dawn l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jipprevedu attestazzjonijiet f'forma elektronika li jippermettu li l-attributi, bħall-età, jiġu awtentikati, jinħażnu u jiġu kondiviżi permezz tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.

- (15) Fix-xhur li ġejjin, għadd żgħir ta' Stati Membri se jintroduċu fis-suq l-ewwel soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età nazzjonali personalizzati tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom aċċess għal soluzzjoni għall-verifika tal-età robusta u li tippreżerva l-privatezza, u biex jiġi żgurat li mill-inqas metodu wieħed ta' verifika tal-età jkun disponibbli fis-suq f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-użu effettiv ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età bbażati fuq il-blueprint tal-UE.
- (16) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja pubblika u tiġi żgurata l-adozzjoni mifruxa ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età, huwa imperattiv li fornituri ta' reputazzjoni tajba u skrutinizzati b'mod rigoruż biss, li huma konformi bis-sħiħ mal-istandards għoljin stabbiliti fl-iskema tal-UE għall-verifika tal-età, jingħataw ir-responsabbiltà li jipprovdu dawn is-servizzi lill-minorenni. Dan l-approċċ mhux biss jissalvagwardja lill-utenti żgħażaġh iżda jsaħħaħ ukoll l-integrità tas-Suq Uniku Diġitali, filwaqt li huwa allinjat mal-impenn kondiviż tagħna għall-protezzjoni tat-tfal, is-sigurtà tad-data, u l-inklużjoni diġitali. Billi nħarsu dawn il-prinċipji, inrawmu ambjent diġitali aktar sikur u affidabbli, li jikseb il-fiduċja taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-Istati Membri bl-istess mod. Għalhekk, il-fornituri tas-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età għandhom jieħdu miżuri tekniċi, operazzjonali u organizzattivi xierqa u proporzjonati tat-tip imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2022/2555¹⁵. Il-fiduċja fl-attestazzjonijiet ta' prova tal-età kondiviżi permezz ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età tiġi stabbilita billi titwaqqaf Skema tal-UE għall-Verifika tal-Età għall-attestazzjoni ta' dawn l-attributi. Lista tal-UE tal-fornituri fdati tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età se tkun disponibbli għall-konsultazzjoni għall-fornituri tal-pjattaformi online u għal partijiet ikkonċernati oħra biex jiġi vverifikat li l-attestazzjoni ta' prova tal-età tal-utent tkun inħarġet minn fornitur inkluż fil-lista.
- (17) Lista tal-UE tas-soluzzjonijiet ta' fiduċja twettaq funzjoni komplementari billi tippermetti l-identifikazzjoni tas-soluzzjonijiet għall-verifika tal-età li ġew rikonoxxuti bħala konformi mal-iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età.
- (18) Biex jiġu rreġistrati fil-listi ġestiti mill-Kummissjoni, il-fornituri tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età u tas-soluzzjonijiet għall-verifika tal-età għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, fir-Regolament (UE) Nru 910/2014, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2160¹⁶, u fid-Direttiva (UE) 2022/2555¹⁷. Il-Kummissjoni se tissorvelja li dawn

¹⁵ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2).

¹⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2160 tas-27 ta' Ottubru 2025 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards ta' referenza, l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskji għall-forniment tas-servizzi fiduċjarji mhux kwalifikati.

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2).

ir-reqwiziti jkomplu jiġu ssodisfati. F'każ li l-fornituri jonqsu milli jissodisfaw dawn l-istandards għoljin, il-Kummissjoni se tiżgura li dawn jitneħħew mil-listi.

- (19) Abbażi tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli għall-pubbliku kemm il-lista tal-UE tal-fornituri fdati tal-provi tal-età kif ukoll il-lista tal-UE tas-soluzzjonijiet ta' fiduċja biex tiżgura li l-infrastruttura ta' fiduċja tkun fis-seħħ fil-livell tal-UE biex tappoġġa s-Soluzzjonijiet tal-UE għall-Verifika tal-Età. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tinkludi informazzjoni dwar jekk is-soluzzjonijiet offruti mill-fornituri inklużi fil-lista tal-UE tal-fornituri fdati tal-provi tal-età jiżgurawx il-konformità mal-kriterji tal-effettività stabbiliti fit-Taqsima 6.1.4 tal-Linji Gwida, jiġifieri l-akkuratezza, l-affidabbiltà, ir-robustezza, in-nonintrużività u n-nondiskriminazzjoni.
- (20) L-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età se tippermetti l-inklużjoni ta' entitajiet pubbliċi u privati, inklużi l-Istati Membri, il-fondazzjonijiet u l-konsorzji Ewropej, u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħra fil-lista tal-UE tal-fornituri fdati tal-provi tal-età u fil-lista tal-UE tas-soluzzjonijiet ta' fiduċja.
- (21) Hekk kif id-domanda taċ-ċittadini għal soluzzjonijiet diġitali ta' fiduċja, ċibersiguri, li jippreżervaw il-privatezza u li jikkonformaw mal-protezzjoni tad-data qed tiżdied, fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri qed jadottaw dejjem aktar jew jikkunsidraw dejjem aktar jekk jadottawx miżuri nazzjonali biex jirrestrinġu l-aċċess mill-minorenni għal pjattaformi online, spiss flimkien ma' obbligi speċifiċi ta' verifika tal-età biex tali miżuri jsiru effettivi fil-prattika. Ir-Regolament (UE) 2022/2065 għandu l-għan li japprossimizza l-miżuri regolatorji nazzjonali fil-livell tal-Unjoni dwar ir-reqwiziti għall-fornituri tas-servizzi intermedjarji biex tiġi evitata u tintemm il-frammentazzjoni tas-suq intern u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali. Minħabba li r-Regolament (UE) 2022/2065 jarmonizza bis-sħiħ ir-regoli applikabbli għas-servizzi intermedjarji fis-suq intern bl-objettiv li jiġi żgurat ambjent online sikur, prevedibbli u ta' fiduċja, inkluż biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni skont l-Artikolu 28(1) tiegħu, dan ma jipprekludix il-possibbiltà li tiġi applikata leġiżlazzjoni nazzjonali oħra applikabbli għall-fornituri tas-servizzi intermedjarji, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva 2000/31/KE, u l-Artikolu 3 tagħha b'mod partikolari, meta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jsegwu objettivi leġittimi oħra ta' interess pubbliku għajr dawk segwiti mir-Regolament (UE) 2022/2065. Kif iddikjarat fil-Linji Gwida, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liġijiet nazzjonali li, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, jippreskrivu età minima għall-aċċess għal ċerti prodotti jew servizzi offruti u/jew murija bi kwalunkwe mod fuq pjattaforma online. Madankollu, tali miżuri nazzjonali ma jistgħux jimponu obbligi addizzjonali fuq il-pjattaformi online, inklużi obbligi ta' verifika tal-età, peress li dan kieku jimmina l-effett ta' armonizzazzjoni sħiħa tar-Regolament (UE) 2022/2065, minħabba li l-objettivi ta' tali miżuri jikkoinċidu ma' dawk diġà segwiti minn dak ir-Regolament.
- (22) Meta l-Istati Membri jikkunsidraw li jintroduċu miżuri nazzjonali biex jirrestrinġu l-aċċess mill-minorenni għall-pjattaformi online, il-Kummissjoni tfakkarhom dwar l-obbligu ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535¹⁸ dwar kwalunkwe abbozz ta' regolament tekniku li jista' jikkonċerna regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kif definit f'dik id-Direttiva, bl-għan li jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli fis-suq intern qabel ma jiġu adottati dawn il-miżuri. F'konformità ma' dik id-Direttiva,

¹⁸ Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni).

in-notifika ta' abbozz ta' regolament tekniku għandha l-effett li tiftaħ perjodu sospensiv ta' 3 xhur li matulu l-Istat Membru kkonċernat ikun ristrett milli jadotta l-abbozz ta' regolament tekniku nnotifikat. Il-perjodu sospensiv jista' jiġi estiż skont it-tip ta' reazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħra.

- (23) Skambju informali bejn l-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni fl-istadji bikrija tal-proċess tal-abbozzar ta' miżuri nazzjonali jikkontribwixxi għall-abbozzar ta' miżuri li huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, inkluż fejn ikun hemm mistoqsijiet dwar l-interazzjoni tal-miżuri nazzjonali proposti mar-Regolament (UE) 2022/2065 u mad-Direttiva 2000/31/KE. Tali skambju għandu jsir permezz tal-involvement tal-Istat Membru mas-servizzi tal-Kummissjoni. L-iskambji multilaterali jistgħu jsiru wkoll permezz tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Servizzi Diġitali¹⁹. Biex jiġi żgurat approċċ konsistenti u armonizzat meta jiġi infurzat ir-Regolament (UE) 2022/2065 fir-rigward ta' dawn l-aspetti, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/2065 jistgħu jressqu kwalunkwe kwistjoni bħal din għall-attenzjoni tal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali, skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament.
- (24) Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ommissjoni fir-rigward tal-obbligu ta' notifika titqies bħala difett proċedurali li jagħmel il-miżura, jekk tiġi adottata, mhux eżegwibbli kontra l-individwi fi proċedimenti tal-qorti nazzjonali²⁰. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċarat li regolament tekniku notifikat adottat bi ksur tal-perjodu sospensiv irid jiġi ddikjarat mill-qorti nazzjonali bħala li ma japplikax għall-individwi²¹. Barra minn hekk, meta l-miżuri nazzjonali ma jkunux kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (UE) 2022/2065 u d-Direttiva 2000/31/KE, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tibda proċedimenti ta' ksur f'konformità mal-Artikolu 258 tat-TFUE, inkluż fir-rigward tal-abbozz ta' miżuri notifikat. In-nuqqas ta' reazzjoni mill-Kummissjoni għal notifika ma jaffettwax jew ma jnaqqasx il-possibbiltà li l-Kummissjoni tiegħu deċiżjoni jew azzjoni skont id-dritt tal-Unjoni.
- (25) Biex jinstabu soluzzjonijiet fil-livell tal-Unjoni ħalli l-minorenni jiġu protetti b'mod aħjar online, il-Kummissjoni stabbiliet Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal Online b'mandat li jfassal rakkomandazzjonijiet lill-President tal-Kummissjoni dwar l-aħjar approċċ għall-Unjoni dwar is-sikurezza tat-tfal online u l-limiti tal-età potenzjali għall-media soċjali u servizzi online oħra fl-Ewropa. Ir-Rapport ta' dan il-Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal Online huwa mistenni sas-sajf tal-2026.
- (26) Fid-dawl tal-urġenza ta' dan is-suġġett, din ir-Rakkomandazzjoni għandha objettiv doppju. L-ewwel nett, għandha l-għan li tiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom aċċess għal soluzzjoni għall-verifika tal-età robusta, affidabbli, interoperabbli, ċibersigura, li tippreżerva l-privatezza u li tikkonforma mal-protezzjoni tad-data. It-tieni, din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tippromwovi standards konsistenti u tipprevjeni l-frammentazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE. F'dan ir-rigward, is-Soluzzjoni tal-UE għall-Verifika tal-Età tirrappreżenta l-aktar soluzzjoni teknika effettiva attwalment disponibbli, li tgħaqqad l-affidabbiltà operazzjonali mar-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal, id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. Għalhekk, din ir-Rakkomandazzjoni tfittex li tappoġġa

¹⁹ Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26.1.2023 li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti dwar is-servizzi diġitali u li tħassar id-Deċiżjoni 2005/752/KE.

²⁰ Il-Kawża C-194/94, *CIA-Security*.

²¹ Il-Kawża C-443/98, *Unilever*.

l-adozzjoni tagħha fil-livell nazzjonali u tiżgura l-funzjonalità Prattika tagħha fl-Istati Membri kollha.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

SKOP TA' DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI

- (1) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tiżgura li sa tmiem l-2026, iċ-ċittadini kollha tal-UE jkollhom aċċess għal teknoloġiji diġitali tal-prova tal-età li jsaħħu l-privatezza, abbażi tal-ogħla standards ta' privatezza u protezzjoni tad-data possibbli skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/679, inkluż ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal.
- (2) Għal dan l-għan, din ir-Rakkomandazzjoni tispesjifika l-azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-Istati Membri filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn l-Istati Membri fid-dawl ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb. L-azzjonijiet li għandhom jieħdu Istati Membru huma li:
 - (a) jiffaċilitaw l-użu effettiv ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u l-ħruġ tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età bbażati fuq il-blueprint tal-UE għall-verifika tal-età; u
 - (b) jappoġġaw l-istabbiliment rapidu tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, li tippermetti lis-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jaċċertaw il-validità tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età.
- (3) Fl-aħħar nett, din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi l-elementi ewlenin ta' governanza madwar l-UE kollha biex tippermetti d-disponibbiltà mifruxa ta' soluzzjonijiet ta' fiduċja tal-UE għall-verifika tal-età li jippreżervaw il-privatezza u li huma interoperabbli, offruti bħala applikazzjoni awtonoma jew integrati f'Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

DEFINIZZJONIJIET

- (4) Għall-iskopijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "minorenni" jew "tfal" tfisser persuna fiżika taħt l-età ta' 18-il sena;
 - (b) "pjattaforma online" tfisser pjattaforma online kif definit fl-Artikolu 3(i) tar-Regolament (UE) 2022/2065;
 - (c) "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/1535;
 - (d) "assigurazzjoni tal-età" tfisser is-sett ta' metodi użati biex tiġi ddeterminata, stmata jew ivverifikata l-età jew il-firxa tal-età ta' persuna fiżika b'livelli varji ta' kunfidenza, li jinkludu l-awtodikjarazzjoni, l-istima tal-età u l-verifika tal-età;
 - (e) "verifika tal-età" tfisser metodu ta' assicurazzjoni tal-età li jiddependi fuq il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika biex jiġi ddeterminat jekk utent jissodisfax limitu ta' età partikolari;
 - (f) "Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali" tfisser il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika definit fl-Artikolu 3(42) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
 - (g) "blueprint tal-UE għall-verifika tal-età" tfisser speċifikazzjoni teknika disponibbli għall-pubbliku għall-verifika tal-età bħal dik li se tiġi inkluża fl-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età żviluppata mill-Kummissjoni, li tinkludi

l-arkitettura teknika, il-protokoll, l-interfaċċi u l-implimentazzjoni ta' referenza b'sors miftuħ;

- (h) “Soluzzjoni tal-UE għall-Verifika tal-Età” tfisser kwalunkwe applikazzjoni jew servizz li jimplimenta l-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, kemm jekk ipprovduta mill-Kummissjoni, minn Stat Membru, jew minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra, u kemm jekk offruta bħala applikazzjoni awtonoma kif ukoll jekk integrata f'Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, li tippermetti lill-utenti jagħtu prova li jissodisfaw limitu ta' età partikolari;
- (i) “attestazzjoni ta' prova tal-età” tfisser attestazzjoni elettronika tal-attributi, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(44) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, definita fl-iskema ta' attestazzjoni tal-attributi maħluqa f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1569/2025, li tippermetti l-awtentikazzjoni tal-fatt li d-detentur tagħha jkun qabeż il-limitu ta' età partikolari;
- (j) “fornitur tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età” tfisser furnitur ta' servizzi fiduċjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(19) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, li joħroġ attestazzjonijiet ta' prova tal-età;
- (k) “lista tal-UE tal-fornituri fdati tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età” tfisser il-lista ta' fornituri tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età, stabbilita u miżmuma mill-Kummissjoni, li tinkludi l-fornituri ta' Soluzzjonijiet tal-UE għall-Verifika tal-Età u li tista' tinkludi wkoll il-fornituri mil-lista affidabbli nazzjonali stabbilita skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (l) “lista tal-UE tas-soluzzjonijiet ta' fiduċja” tfisser il-lista, stabbilita u miżmuma mill-Kummissjoni, ta' entitajiet li huma fdati li joħroġu Attestazzjonijiet tas-Soluzzjoni għall-Verifika tal-Età f'konformità mal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età;
- (m) “Attestazzjoni tas-Soluzzjoni għall-Verifika tal-Età” tfisser attestazzjoni elettronika tal-attributi li tippermetti lil parti dipendenti tivverifika li soluzzjoni għall-verifika tal-età tkun Soluzzjoni ta' fiduċja tal-UE għall-Verifika tal-Età, jiġifieri soluzzjoni maħluqa f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1569/2025 li tikkonforma mal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età;
- (n) “Skema tal-UE għall-Verifika tal-Età” tfisser sett ta' regoli applikabbli għall-attestazzjoni tal-attributi għall-attestazzjoni tas-soluzzjoni għall-verifika tal-età u l-attestazzjoni ta' prova tal-età li tikkonforma mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1569/2025.

Rakkomandazzjonijiet dwar Qafas ta' referenza komuni tal-approċċ ta' verifika tal-età tal-UE

- (5) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jkollhom aċċess għall-verifika tal-età madwar l-UE, f'konformità mal-qafas ta' referenza komuni stabbilit fil-blueprint tal-UE għall-verifika tal-età, il-Kummissjoni tirrakkomanda li sal-31 ta' Diċembru 2026, l-Istati Membri jagħmlu disponibbli soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età, integrata fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jew ipprovduta bħala applikazzjoni awtonoma, jew it-tnejn li huma. Għal dan l-iskop, huwa rakkomandat li l-Istati Membri:
 - (a) jissottomettu pjan ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2026, biex jiddeskrivu kif biħsiebhom jagħmlu disponibbli soluzzjoni tal-UE

għall-verifika tal-età sal-31 ta' Diċembru 2026. Dan il-pjan għandu jistabbilixxi l-passi differenti fil-proċess, inkluż il-komunikazzjoni mal-pubbliku u l-involviment mar-riċerkaturi u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bl-għarfien espert rilevanti;

- (b) jiskambjaw l-informazzjoni ma' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni dwar il-progress tagħhom biex jagħmlu disponibbli soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età u jikkunsidraw soluzzjonijiet komuni għall-verifika tal-età li jikkonsolidaw l-isforzi u jiżguraw użu aktar effiċjenti tar-riżorsi.
- (6) Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/2065 jiddiskutu l-implimentazzjoni nazzjonali tas-soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età, inkluż il-pjan ta' implimentazzjoni, mal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddiskutu din il-kwistjoni fil-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar l-Identità Diġitali, fejn xieraq.
- (7) Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni għad-definizzjoni ta' Skema tal-UE għall-Verifika tal-Età, li se tikkonsisti mir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-mudell ta' fiduċja, il-governanza u r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri tal-attestazzjoni ta' prova tal-età u s-soluzzjonijiet għall-verifika tal-età, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1569/2025.
- (8) L-entitajiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età qabel ma s-soluzzjonijiet u l-fornituri tal-attestazzjoni ta' prova tal-età tagħhom rispettivament ikunu jistgħu jiżdiedu mal-lista tal-UE tas-soluzzjonijiet ta' fiduċja u mal-lista tal-UE tal-fornituri fdati tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni tirrakkomanda li fejn xieraq, l-Istati Membri jikkooperaw ma':
- (a) il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali skont il-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali, bħala l-qafas ewlieni ta' kooperazzjoni dwar is-servizzi diġitali, li jistgħu jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom mal-awtoritajiet rilevanti, bħall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jew l-awtoritajiet tal-media;
 - (b) il-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar l-Identità Diġitali Ewropea stabbilit skont l-Artikolu 46e tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, biex jiġi żgurat li l-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età jibqgħu koerenti mal-qafas Ewropew għall-Identità Diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tal-livelli ta' assigurazzjoni, l-interoperabbiltà tal-listi ta' fiduċja, ir-rikonnoxximent reċiproku fl-Istati Membri kollha;
 - (c) ir-riċerkaturi u r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'għarfien espert dwar il-verifika tal-età, iċ-ċibersigurtà jew il-protezzjoni tad-data u l-privatezza.
- (9) L-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età se tippermetti l-inklużjoni ta' entitajiet pubbliċi u privati, inklużi l-Istati Membri, il-fondazzjonijiet u l-konsorzji Ewropej, u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħra fil-lista tal-UE tal-fornituri fdati tal-provi tal-età u fil-lista tal-UE tas-soluzzjonijiet ta' fiduċja.
- (10) Biex tiġi ffaċilitata l-armonizzazzjoni fis-suq intern, l-Istati Membri huma mħeġġa:
- (a) jistabbilixxu sistemi għall-attestazzjonijiet ta' prova tal-età f'konformità mal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età;

- (b) jawtorizzaw l-użu ta' metodi ta' verifika tal-età li jikkonformaw mal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età.

Rakkomandazzjonijiet dwar il-liġijiet nazzjonali relatati mal-verifika tal-età

- (11) Il-Kummissjoni tirrakkomanda li, qabel in-notifika formali lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, l-Istati Membri jinvolve ruħhom mas-servizzi tal-Kummissjoni fl-aktar stadju bikri possibbli tal-abbozzar ta' kwalunkwe miżura nazzjonali relatata ma' dawn il-kwistjonijiet.
- (12) Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, jistgħu jissejnu laqgħat *ad hoc* tal-gruppi ta' esperti rilevanti, bħall-Grupp ta' Esperti dwar is-Servizzi Diġitali skont it-tifsira tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2023 li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti dwar is-servizzi diġitali u li tħassar id-Deċiżjoni 2005/752/KE. Tali skambju bikri huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-miżuri nazzjonali jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni mill-bidu nett, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) 2022/2065 u d-Direttiva 2000/31/KE.

Magħmul fi Brussell, 29.4.2026

*Għall-Kummissjoni
Henna Virkkunen
Viċi President Eżekuttiv*

